# PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 6: Nghixu bħal Ġesu**

**Lezzjoni 7: X'jixtieq minni Ġesu'?**

**Għanijiet:**

1. Jirrevedu l-istorja tal-qawmien
2. Jagħrfu minn fejn jiġi l-kuraġġ biex inkomplu mexjin.
3. Jifhmu x'irid minna Ġesu



**Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Ittri K, U, R, A, Ġ, Ġ għal kull grupp
- Powerpoint X'ħa nagħmel?
- *Karta ta' Taħriġ 6.6*
- Video *Kids monkey song*





**Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu**

- Uri t-tfal il-video *Kids monkey song* .
- Għid lit-tfal li x-xadin kellu bżonn xi ħaġa biex ikun jista' jitla' s-siġra. Biex insibu x'kellu bżonn ħa nilagħbu logħba flimkien.
- Poġġi lit-tfal fi gruppi ta' erbgħa.
- Agħti lil kull grupp, is-sitt ittri mgerfxin.
- Għid lit-tfal li jridu jirranġaw l-ittri biex jiffurmaw kelma.
- Jekk it-tfal isibuha diffiċli tista' tikteb l-ewwel ittra fuq il-*board*.
- Ikteb il-kelma KURAĠĠ fuq il-board u staqsi lit-tfal jgħidu xi tfisser għalihom din il-kelma.

**Nisimgħu flimkien (actual lesson)**

- Staqsi lit-tfal jekk kienx hemm drabi meta ħassewhom imħawda  per eżempju biex jobdu – biex ma jiġġieldux
- Ħeġġiġhom jaqsmu miegħek u mal-kumplament tal-klassi l-esperjenzi tagħhom.
- Uri l-powerpoint u ddiskuti s-sitwazzjonijiet mat-tfal

- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 6.6 u fuq bażi ta' klassi iddiskutu magħhom is-sitwazzjonijiet li jinsabu f'Attivita 1
- Spjega Attivita 2 għad-dar
- Iddiskuti Attivita Sam u Tara u enfasizza minn dak li jkun intqal qabel bl-importanza li naħdmu biex insiru aħjar



**Nagħżlu flimkien (Attitude)**



- Għandi niftakar li Ġesu', permezz tal-Ispirtu s-Santu, qiegħed dejjem miegħi biex jgħinni.
- Għaldaqstant għandu dejjem ikolli l-kuraġġ biex inkompli miexi f'kull sitwazzjoni li niltaqa' magħha ħa nsiru aħjar.

**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Għandi dejjem nagħmel kuraġġ.
2. M'għandi naqta' qalbi qatt għax Ġesu' se joffrili l-għajnuna tiegħu.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Għid lit-tfal li se nisimgħu il-kanzunetta *Żommli jdejja Mulej*.

Ixgħel il-mużika li se ssib fil-file u uri l-lirika lit-tfal biex ikunu jistgħu isegwu.

Meta d-dalma tal-lejl, taqa' fuqi Mulej
Meta għajnejja jitqalu bid-dmugħ.
Meta fl-hemm u fl-uġigħ, fuq spallejk nistrieħ
Żommli jdejja Mulej f'idejk

Meta waħdi f'tiġrib, nimxi t-triq tas-salib
Meta ħbiebi ma jagħrfunix.
Meta fl-hemm u fl-uġigħ, fuq spallejk nistrieħ
Żommli jdejja Mulej f'idejk



Meta fit-triq għajjien, dawl ma nara imkien
Dawl ta' ħajti kun int Mulej.
Meta fl-hemm u fl-uġigħ, fuq spallejk nistrieħ
Żommli jdejja Mulej f'idejk

**Nitolbu**

Iġbor it-tfal f'ċirku u filwaqt li jagħmlu jdejhom flimkien se jgħidu din it-talba:

Ġesu' għinni biex dejjem ikolli l-kuraġġ li nibqa' miexi f'ħajti u ma naqta' qalbi qatt.

